

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tal-20 ta' Lulju 2020****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 tal-Bulgarija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2020 tal-Bulgarija**

(2020/C 282/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni adottat l-Istrateġija Annwali għat-Tkabir Sostenibbli, li tat bidu għas-Semestru Ewropew tal-2020 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Hija ħadet kont debitu tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, iddikjarat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Fis-17 ta' Diċembru 2019, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih identifikat lill-Bulgarija bħala wieħed mill-Istati Membri li għalih kienet se ssir analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport dwar il-pajjiż tal-2020 għall-Bulgarija ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2020. Huwa vvaluta l-progress tal-Bulgarija fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi adottati mill-Kunsill fid-9 ta' Lulju 2019 ⁽³⁾ ("ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għall-2019"), is-segwitu mogħti lir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Bulgarija lejn il-miri nazzjonali tal-Ewropa għall-2020. Huwa kien jinkludi wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tagħha ġew ippubblikati wkoll fis-26 ta' Frar 2020. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha biex tikkonkludi li l-Bulgarija ma għadhiex qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi. Fis-snin preċedenti, il-vulnerabbiltajiet fis-settur finanzjarju kienu akkumpanjati minn dejn għoli u self improduttiv (NPLs) fis-settur korporattiv. Instab li l-Bulgarija m'għadx għandha żbilanċi minħabba li azzjoni ta' politika konsistenti u ambjent makroekonomiku favorevoli naqqsu aktar ir-riskju u l-vulnerabbiltajiet.
- (3) Fil-11 ta' Marzu 2020, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa uffiċjalment iddikjarat it-tifqigħa tal-COVID-19 bħala pandemija dinjija. Din hija emerġenza serja tas-saħħa pubblika għaċ-ċittadini, is-soċjetajiet u l-ekonomiji. Qiegħda tpoġġi lis-sistemi tas-saħħa nazzjonali taħt pressjoni qawwija, tikkawża tfixkil fil-ktajjen ta' provvista globali, toħloq volatilità fis-swieq finanzjarji, tiskatta xokkijiet fid-domanda tal-konsumatur u qed ikollha effetti negattivi f'diversi setturi. Qiegħda tkun ta' theddida għall-impjiegi u għad-dħul tan-nies kif ukoll għan-negozju tal-kumpaniji. Hija kkawżat xokk ekonomiku kbir li diġà qiegħed ikollu riperkussjonijiet serji fl-Unjoni. Fit-13 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tappella għal reazzjoni ekonomika koordinata għall-kriżi, li tinvolvi l-atturi kollha fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ ĠU C 301, 5.9.2019, p. 8.

- (4) Diversi Stati Membri ddikjaraw stat ta' emerġenza jew daħħlu miżuri ta' emerġenza. Jenħtieġ li kwalunkwe miżura ta' emerġenza tkun strettament proporzjonata, neċessarja, b'terminu ta' żmien limitat, u konformi ma' standards Ewropej u internazzjonali. Jenħtieġ li tkun soġġetta għal sorveljanza demokratika u skrutinju ġudizzjarju indipendenti.
- (5) Fl-20 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni dwar l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-klawżola liberatorja ġenerali, kif previst fl-Artikolu 5(1), 6(3), 9(1) u 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 u fl-Artikoli 3(5) u 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97⁽⁴⁾, tiffaċilita l-koordinament tal-politiki baġitarji fi żminijiet ta' tnaqqis qawwi fir-ritmu ekonomiku. Fil-komunikazzjoni tagħha tal-20 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni kkunsidrat li, meta titqies il-kriżi ekonomika qawwija mistennija bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19, il-kondizzjonijiet għall-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali kienu sodisfatti u talbet li l-Kunsill japprova din il-konklużjoni. Fit-23 ta' Marzu 2020, il-Ministri għall-finanzi tal-Istati Membri qablu mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni. Huma qablu li l-kriżi ekonomika qawwija tirrikjedi reazzjoni reżoluta, ambizzjuża u kkoordinata. L-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tippermetti devjazzjoni temporanja mill-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv baġitarju fuq perjodu medju ta' żmien, sakemm dan ma jpoġġix fil-periklu sostenibbiltà fiskali fuq il-perjodu medju ta' żmien. Fil-każ tal-parti korrettiva, il-Kunsill jista' wkoll jiddeċiedi, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li jadotta trajettorja fiskali riveduta. Il-klawżola liberatorja ġenerali ma tissuspendix il-proċeduri tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Din tippermetti li l-Istati Membri jiddevjaw mir-rekwiżiti baġitarji li normalment ikunu japplikaw fil-waqt li l-Kummissjoni u l-Kunsill ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri neċessarji ta' koordinazzjoni tal-politika fi ħdan il-qafas tal-Patt.
- (6) Hija meħtieġa azzjoni kontinwa biex jiġi limitat u kontrollat it-tixrid tal-pandemija tal-COVID-19, tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistemi nazzjonali tas-saħħa, jittaffew il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-pandemija permezz ta' miżuri ta' sostenn għan-negozji u l-unitajiet domestiċi, u jiġu żgurati kondizzjonijiet adegwati ta' saħħa u sigurtà fil-postijiet tax-xogħol bil-għan li tinbeda mill-ġdid l-attività ekonomika. Jenħtieġ li l-Unjoni tuża b'mod sħiħ id-diversi għodod li għandha għad-dispożizzjoni tagħha biex tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri fdawk l-oqsma. B'mod parallel, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Unjoni jaħdmu flimkien biex iħejju l-miżuri meħtieġa biex iġibu lura l-funzjonament normali tas-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħna u t-tkabbir sostenibbli, jintegraw fost l-oħrajn it-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali, u jieħdu tagħlimiet mill-kriżi.
- (7) Il-kriżi tal-COVID-19 tefgħet enfasi fuq il-flessibbiltà li joffri s-suq intern ta' adattament għal sitwazzjonijiet straordinarji. Madankollu, sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni malajr u bla xkiel lejn il-fażi ta' rkupru u l-moviment liberu ta' oġġetti, servizzi u ħaddiema, jenħtieġ li jitneħħew dawk il-miżuri eċċezzjonali li ma jħallux lis-suq intern jiffunzjona b'mod normali hekk kif dawn ma jibqgħux indispensabbli. Il-kriżi kurrenti evidenzjat il-ħtieġa li jkun hemm tħejji għall-kriżijiet fis-settur tas-saħħa. Strateġiji mtejba ta' akkwist, ktajjen ta' provvista diversifikati u riżervi strateġiċi ta' provvisti essenzjali huma fost l-elementi kruċjali għall-iżvilupp ta' pjanijiet usa' għat-tħejji għall-kriżijiet.
- (8) Il-leġiżlatur tal-Unjoni diġà emenda l-oqfsa leġiżlattivi rilevanti permezz tar-Regolamenti (UE) 2020/460⁽⁵⁾ u (UE) 2020/558⁽⁶⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jippermetti lill-Istati Membri jattivaw ir-riżorsi kollha mhux użati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") sabiex ikunu jistgħu jindirizzaw l-effetti eċċezzjonali tal-pandemija tal-COVID-19. Dawk l-emendi se jipprovdur flessibbiltà addizzjonali, kif ukoll proċeduri ssimplifikati u razzjonalizzati. Sabiex jittaffew il-pessjonijiet ta' nuqqas fil-flussi ta' flus, l-Istati Membri jistgħu jibbenefikaw ukoll minn rata ta' kofinanzjament ta' 100 % mill-baġit tal-Unjoni fis-sena kontabilistika 2020-2021. Il-Bulgarija hija mħeġġa li tagħmel użu sħiħ minn dawk il-possibbiltajiet sabiex tingħata għajnuna lill-individwi u s-setturi l-aktar milquta.

⁽⁴⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li tithaffew u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6).

⁽⁵⁾ Regolament (UE) 2020/460 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu mmobilizzati investimenti fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri u f'setturi oħra tal-ekonomiji tagħhom b'reazzjoni għat-tifqigħa COVID-19 (Inizjattiva ta' Investiment b'Reazzjoni għall-Coronavirus) (ĠU L 99, 31.3.2020, p. 5).

⁽⁶⁾ Regolament (UE) 2020/558 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013 u (UE) Nru 1303/2013 rigward miżuri speċifiċi biex tingħata flessibbiltà eċċezzjonali għall-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'reazzjoni għat-tifqigħa ta' COVID-19 (ĠU L 130, 24.4.2020, p. 1).

- (9) Il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19 x'aktarx li jkunu mqasma b'mod irregolari madwar ir-reġjuni Bulgari minħabba xejriet differenti ta' speċjalizzazzjoni, b'mod partikolari f'reġjuni li jiddependu b'mod sinifikanti fuq negozju wiċċ imb'wiċċ mal-konsumaturi. Dan jinvolvi riskju sostanzjali li jżiedu d-differenzi regionali fil-Bulgarija, li jaggrava t-tendenza diġà osservata li jitwessgħu d-disparitajiet bejn il-kapitali u l-bqija tal-pajjiż u bejn iż-żoni urbani u dawk rurali. Flimkien mar-riskju ta' treggħigh lura temporanju tal-proċess ta' konverġenza bejn l-Istati Membri, is-sitwazzjoni attwali titlob tweġbiet ta' politika mmirati.
- (10) Fit-30 ta' April 2020, il-Bulgarija ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 u l-Programm ta' Konverġenza tal-2020 tagħha. Sabiex jitqiesu r-rabtiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.
- (11) Il-Bulgarija bħalissa tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (12) Fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2020 tiegħu, il-gvern qiegħed jippjana li l-bilanċ nominali jiddeterjora minn surplus ta' 2,1 % tal-prodott domestiku gross (PDG) fl-2019 għal defiċit ta' 3,1 % tal-PDG fl-2020. Wara li naqas għal 20,4 % tal-PDG fl-2019, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG huwa mistenni li jżied għal 28,5 % fl-2020 skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2020. Il-prospettiva makroekonomika u fiskali hija affettwata mill-inċertezza kbira minħabba l-pandemija tal-COVID-19.
- (13) Bħala reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, u bħala parti minn approċċ ikkoordinat tal-Unjoni, il-Bulgarija adottat miżuri baġitarji f'waqthom sabiex iżżid il-kapaċità tas-sistema tas-saħħa tagħha, trażżan il-pandemija, u ttiprovdi solliev lil dawk l-individwi u setturi li jkunu ntlaqtu b'mod partikolari. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2020, dawn il-miżuri baġitarji ammontaw għal 1,3 % tal-PDG. Il-miżuri jinkludu nfiq oġġla fuq il-kura tas-saħħa u s-servizzi tas-sigurtà u skema ta' appoġġ għall-impjieg għal setturi f'diffikultà. Barra minn hekk, il-Bulgarija ħabbret miżuri li, filwaqt li ma għandhomx impatt baġitarju dirett, se jikkontribwixxu biex jipprovdu appoġġ ta' likwidità għan-negozji, u l-Programm ta' Konverġenza tal-2020 jistmahom li jammontaw għal 0,6 % tal-PDG. Dawn il-miżuri jinkludu garanziji mill-Bank Bulgaru għall-Iżvilupp, bi sjieda tal-Istat, u differimenti tat-taxxa għat-taxxi fuq l-introjtu tal-kumpaniji. B'mod ġenerali, il-miżuri li ħadet il-Bulgarija huma konformi mal-linji gwida stabbiliti fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Marzu 2020. L-implimentazzjoni sħiħa ta' miżuri ta' emerġenza u ta' miżuri fiskali ta' appoġġ, segwita minn iffukar għid tal-politiki fiskali lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq perjodu medju ta' żmien, meta jkunu jippermettu l-kondizzjonijiet ekonomiċi, se jkunu ta' kontribut għall-preservazzjoni tas-sostenibbiltà fiskali fuq perjodu medju ta' żmien.
- (14) Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2020 tal-Kummissjoni b'politiki mhux mibdula, l-iżbilanċ tal-gvern estiż tal-Bulgarija huwa mbassar li jkun ta' 2,8 % tal-PDG fl-2020 u ta' 1,8 % tal-PDG fl-2021. Il-proporzjoni tad-dejn tal-gvern estiż huwa pprojetat li jibqa' taħt is-60 % tal-PDG fl-2020 u fl-2021.
- (15) Fl-20 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni ħarġet rapport imħejji skont l-Artikolu 126(3) tat-Trattat minħabba li l-Bulgarija qiegħda tippjana li taqbeż il-limitu fuq id-defiċit ta' 3 % tal-PDG fl-2020. Dak ir-rapport ikkonkluda, wara valutazzjoni tal-fatturi rilevanti kollha, li l-kriterju tad-defiċit kif definit fit-Trattat u fir-Regolament (KE) Nru 1467/97 ġie ssodisfat.
- (16) Fit-13 ta' Marzu 2020, il-Bulgarija ddikjarat stat ta' emerġenza mit-13 ta' Marzu 2020 sat-13 ta' April 2020; dan ġie estiż sussegwentement għat-13 ta' Mejju 2020 u mbagħad ġie sostitwit minn sitwazzjoni epidemika straordinarja sal-14 ta' Ġunju 2020. Fis-6 ta' April 2020, il-Parlament Bulgaru adotta proposta għal emenda tal-baġit tal-Istat tal-2020, ippreżentata mill-Gvern. Il-baġit il-ġdid jipprevedi defiċit taħt il-baġit tal-Istat ta' BGN 3.5 biljun (2,9 % tal-PDG), minħabba ż-żieda fl-infiq għal miżuri relatati mal-kriżi u t-tnaqqis mistenni fid-dħul ta' BGN 2.4 biljun. Hija prevista żieda ta' ħames darbiet tal-limitu massimu ta' dejn għid li l-gvern jista' joħroġ, minn BGN 2.2 biljun għal BGN 10 biljun. B'mod ġenerali, il-Bulgarija mmobbilizzat pakkett finanzjarju ta' aktar minn BGN 870 biljun permezz ta' diversi programmi operattivi ffinanzjati mill-Fondi SIE għall-perjodu 2014-2020 biex tappoġġa s-sistema tas-saħħa u tindirizza l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-pandemija.
- (17) B'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19, il-Bulgarija introduċiet miżura ta' appoġġ għall-impjeg li biha l-Istat jimpenja ruħu li jħallas 60 % tal-introjtu tal-ħaddiema u tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali assoċjata għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet xhur, bil-kondizzjoni li min iħaddem iħallas id-differenza li jifdal u jimpenja ruħu li jżomm il-ħaddiema. Min iħaddem huwa obligat ukoll li jżomm l-impjeg għal perjodu ieħor, għall-inqas daqs dak kopert mis-sussidju. Il-kumpaniji eliġibbli jinkludu dawk fis-setturi affettwati direttament mir-restrizzjonijiet imposti minħabba l-istat ta' emerġenza. Kumpaniji minn setturi oħra, li jirnexxilhom jagħtu prova ta' tnaqqis ta' 20 % fid-dħul tul perjodu ta' żmien speċifiku f'Marzu 2020 meta mqabbel ma' Marzu 2019, huma wkoll eliġibbli kif stipulat fid-Digriet Nru 55 tat-30 ta' Marzu 2020.

- (18) Il-kapital tal-Bank Bulgaru għall-Iżvilupp għie miżjud b'BGN 700 miljun biex jappoġġa l-likwidità fl-ekonomija. BGN 500 miljun ġew allokati għal garanziji tal-portafoll lill-banek biex jipprovdu kundizzjonijiet ta' self tan-negożju aktar flessibbli lin-negożji, filwaqt li BGN 200 miljun ġew allokati għal garanziji għal self mingħajr imgħax sa BGN 4 500 għal persuni li tpoġġew fuq liv mhux imħallas mill-kumpaniji tagħhom jew dawk li jaħdmu għal rashom. Il-Bank Bulgaru għall-Iżvilupp se jimplementa wkoll skema ta' garanzija ta' EUR 100 miljun għal self lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") iffinanzjata mill-Programm ta' Operazzjoni "Innovazzjoni u Kompetittività" skont il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. Il-Maniġer tal-Fondi tal-Istrumenti Finanzjarji fil-Bulgarija eżamina mill-ġdid il-portafoll tiegħu u qed ifassal l-istrumenti tiegħu ta' appoġġ għall-intrapriżi għar-realtà ekonomika attwali. Il-Bank Nazzjonali Bulgaru introduċa pakkett ta' miżuri ta' BGN 9.3 biljun, li għandhom l-għan li jżommu r-reżiljenza tas-sistema bankarja u jtejbu l-flessibilità tagħha, biex inaqqsu l-effetti negattivi tar-restrizzjonijiet fuq iċ-ċittadini u n-negożji.
- (19) L-ekonomija tal-Bulgarija ntaqtet sew mill-kriżi tal-COVID-19, li affettwat kemm is-settur tas-servizzi kif ukoll dak tal-manifattura. L-impatt negattiv kien aggravat bi tnaqqis fid-domanda u fil-provvista, u bi tfixkil fil-ktajjen tal-valur globali. Il-miżuri meħuda mill-Gvern biex jiffaċċja l-emerġenza jistgħu jgħinu biex jittaffew il-konsegwenzi tal-kriżi, iżda l-implimentazzjoni fil-pront u effettiva tagħhom se tkun kruċjali għall-preservazzjoni tal-impjiegi u għat-titjib tal-likwidità tal-kumpaniji, speċjalment l-SMEs, u tal-ħaddiema indipendenti. Fil-proċess tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri huwa meħtieġ li titqies ir-reżiljenza tas-settur bankarju. F'konformità mal-linji gwida stabbiliti fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Marzu 2020, il-Bulgarija neħħiet il-projbizzjonijiet fuq it-tagħmir ta' protezzjoni personali u stabbiliet "korsiji ħodor" għal kontrolli rapidi fil-punti tal-qsim tal-fruntieri.
- (20) Il-kriżi tal-COVID-19 poġġiet piż addizzjonali fuq is-sistema tas-saħħa Bulgara, li diġà hija kkaratterizzata minn aċċessibilità limitata li tirriżulta minn finanzjament pubbliku baxx, kopertura tal-assigurazzjoni tas-saħħa limitata, numru żgħir, għalkemm qed jiżdied, ta' infermiera, u distribuzzjoni reġjonali żbilanċjata tal-ħaddiema tas-saħħa. Għalhekk hemm lok għat-tisħiħ tar-reżiljenza, l-aċċessibilità u l-kapaċità ġenerali tas-sistema tas-saħħa Bulgara. L-għoti ta' aktar kura (ġenerali u speċjalista) fambjenti ambulatorji, inkluż permezz ta' telekonsultazzjonijiet, inaqqas il-piż fuq l-isptarijiet, filwaqt li l-ittestjar u t-trattament jenħtieġ li jkunu disponibbli għal kulħadd, irrispettivament mill-istatus tal-assigurazzjoni tas-saħħa. Jenħtieġ li jiġi żgurat aċċess xieraq għall-ħaddiema tas-saħħa u għas-servizzi tagħhom madwar it-territorju kollu, li jaqbel mal-ħtiġijiet tal-popolazzjoni. L-integrazzjoni tal-kura primarja, fit-tul u fil-komunità hija kruċjali għall-anzjani u l-gruppi l-aktar vulnerabbli.
- (21) Skont it-tbassir tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2020, il-qgħad mistenni li jiżdied għal 7,0 % fl-2020 qabel ma jonqos għal 5,8 % fl-2021. Sa mill-bidu tal-istat ta' emerġenza, il-qgħad żdied malajr fis-setturi tal-kummerċ, tal-akkomodazzjoni, tas-servizzi tal-ikel u tal-manifattura, fi bliet kbar u fost persuni li għandhom sa edukazzjoni sekondarja. Il-Gvern ħa miżuri biex jiproteġi l-impjiegi, b'mod partikolari skemi ta' xogħol għal żmien qasir, li jenħtieġ li jiġu implimentati malajr u msaħħa aktar. F'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, il-kuntest attwali jirrikjedi appoġġ estensiv għal min iħaddem u għall-ħaddiema, fosthom dawk li jaħdmu għal rashom, biex jiġi evitat aktar telf ta' impjiegi. Il-kapaċità u l-miżuri implimentati mill-Aġenzija tal-Impjiegi se jkollhom bżonn jissaħħu biex iwiegħbu għall-effetti negattivi fuq is-suq tax-xogħol. Aktar sforzi fl-attivazzjoni, fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid se jkunu strumentali biex il-persuni jerġgħu jibdew jaħdmu, filwaqt li l-forza tax-xogħol titħejja għall-isfidi u l-opportunitajiet li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni. Il-kriżi tal-COVID-19 jista' jkollha wkoll impatt sinifikanti fuq il-ħaddiema f'impjeg informali, b'aċċess limitat għas-servizzi tas-saħħa u għall-protezzjoni soċjali. Miżuri ta' politika mmirati jistgħu jwaqqfu lill-ħaddiema mhux protetti u lill-gruppi l-aktar vulnerabbli milli jaqgħu aktar fil-faqar u jtejbulhom l-għajxien tagħhom matul l-irkupru.
- (22) Il-kriżi tal-COVID-19 taffettwa b'mod sproporzjonat lill-gruppi vulnerabbli u taggrava l-isfidi soċjali eżistenti. Is-sehem ta' nies fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali kien diġà għoli qabel il-kriżi, speċjalment fost it-tfal, l-anzjani, il-persuni b'diżabbiltà u r-Rom, u t-trasferimenti soċjali rnexxielhom inaqqsu l-faqar sa ċertu punt biss. L-inugwaljanza fl-introjtu kienet waħda mill-ogħla fl-Unjoni u s-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji wrew wieħed mill-aktar impatti dgħajfa fuq it-tnaqqis tagħha. Il-kriżi teħtieġ miżuri biex jinstab rimedju għan-nuqqasijiet li diġà ġew identifikati fis-snin preċedenti, u b'mod partikolari fl-iskema ta' introjtu minimu, li hija waħda mill-inqas adegwati fl-Unjoni biex toħroġ lir-riċevituri mill-faqar. Kwistjonijiet bħall-iżgurar tal-protezzjoni soċjali għal kulħadd, inkluż ħaddiema mhux standard, persuni li jaħdmu għal rashom u unitajiet domestiċi bi dħul baxx, l-iżgurar ta' appoġġ għad-dħul, ikel u servizzi soċjali adegwati, kif ukoll il-forniment ta' akkomodazzjoni ta' emerġenza u ta' appoġġ għal persuni bla dar, jibqgħu rilevanti. Ir-riforma tas-servizzi soċjali tgħin biex tiġi stabbilizzata s-sistema, filwaqt li

kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn is-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali tippermetti li jintlaħqu aktar dawk li ma jistgħux jieħdu ħsieb tagħhom infushom huma stess u persuni b'diżabbiltà. Ħafna unitajiet domestiċi Rom, li diġà kienu jinsabu f'faqar kbir qabel il-kriżi, jeħtieġu servizzi ta' medjazzjoni u servizzi u appoġġ essenzjali.

- (23) Il-provvista mtejba ta' servizzi ta' edukazzjoni u taħriġ u forza tax-xogħol b'ħiliet aħjar isaħħu wkoll b'mod qawwi l-irkupru u jippromwovu tkabbir inklużiv u sostenibbli fi żmien medju. Għad hemm lok għat-titjib tal-kwalità, ir-rilevanza għas-suq tax-xogħol u l-inklużività tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-Bulgarija. Il-Bulgarija hija fost l-Istati Membri li fihom l-isfond soċjoekonomiku għandu l-akbar influwenza fuq l-eżiti tat-tagħlim. L-inklużjoni tar-Rom fl-edukazzjoni għadha sfida, bi tluq bikri mill-iskola jkun partikolarment għoli fost ir-Rom u f'żoni rurali. Il-livell kumplessiv tal-ħiliet diġitali huwa baxx fost il-popolazzjoni (ta' bejn is-16 u l-74 sena), inkluż ukoll għaż-żgħażaġh (ta' bejn is-16 u d-19-il sena). It-titjib tal-ħiliet diġitali, pereżempju permezz ta' lawrji u kurrikuli aktar allinjati diġitalment, jista' jgħin fl-adattament għall-bidliet fis-suq tax-xogħol prodotti mid-diġitalizzazzjoni u għall-ħtieġa ta' ħidma diġitali mill-bogħod. Fl-istess ħin, għad hemm 11 % tal-istudenti li ma għandhomx aċċess għall-kompjuters u/jew aċċess għall-Internet u 2 000 għalliem mingħajr kompjuters. Minkejja xi miżuri ta' appoġġ reċenti, is-sitwazzjoni attwali tat-tagħlim mill-bogħod qed turriskja, għalhekk, li tagħmel agħar l-inugwaljanzi li diġà huma kbar fl-edukazzjoni u t-taħriġ. Aktar sforz għat-titjib tal-għarfien diġitali tal-istudenti kollha u l-aċċess tagħhom għal infrastruttura teknika adegwata jkollu impatt pożittiv fit-tul fuq l-aċċess tagħhom għall-edukazzjoni, b'mod partikolari għal gruppi vulnerabbli, fosthom ir-Rom, u b'hekk jgħin biex jitnaqqsu r-rati għolja ta' tluq bikri mill-iskola tagħhom.
- (24) Il-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat l-importanza strateġika ta' amministrazzjoni pubblika effiċjenti u ta' gvern diġitali li jiffunzjona tajjeb, inkluż is-saħħa elettronika u l-akkwist elettroniku. Ir-riformi f'dan il-qasam ġew appoġġati mill-Unjoni, iżda l-implimentazzjoni tagħhom miexja bil-mod wisq u dan affettwa b'mod negattiv l-effikaċja tas-settur pubbliku matul il-perjodu ta' għeluq. Il-Bulgarija, għalhekk, qiegħda lura fil-forniment tas-servizzi elettroniċi, u l-użu tagħhom miċ-ċittadini u min-negozji jenħteġ li jiġi mħeġġeġ. Hemm bżonn ukoll li jiġu indirizzati b'mod sħiħ il-kwistjonijiet relatati maċ-ċibersigurtà u mas-sigurtà tal-infrastruttura kritika. Għall-quddiem, amministrazzjoni pubblika effettiva se tkun kruċjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni bla dewmien u effettiva tal-miżuri ta' rkupru. Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-livelli kollha tal-Gvern, inkluż dwar il-kuntratti u l-konċessjonijiet pubbliċi, kif ukoll dwar is-sorveljanza tas-suq, jibqgħu partikolarment importanti. Prevedibbiltà u stabbiltà regolatorji aktar b'saħħithom, kontroll effettiv fuq l-implimentazzjoni tal-politika, u tnaqqis tal-piż amministrattiv, itejbu l-ambjent tan-negozju u jippromwovu l-investment, u dan jaffettwa b'mod pożittiv il-veloċità tal-irkupru.
- (25) Biex jiġi stimulat l-irkupru ekonomiku, se jkun importanti li l-proġetti maturi ta' investment pubbliku jiġu ffinanzjati b'mod aktar sostanzjali fil-bidu tagħhom, u li jiġi promoss l-investment privat, inkluż permezz tar-riformi rilevanti. Il-kriżi tal-COVID-19 żiedet l-importanza tad-diġitalizzazzjoni u tal-innovazzjoni, fejn il-Bulgarija, u b'mod partikolari l-SMEs tagħha, għandhom prestazzjoni li hi ferm taħt il-medja tal-Unjoni. Każ wieħed sinifikanti ta' din il-kwistjoni huwa l-ispettru ppjanat li jiġi allokat fil-meded pijunieri tal-5G, li ma jissodisfax dak li hu meħtieġ biex jippermetti l-forniment bla dewmien u effettiv tas-servizzi tal-5G. Il-kwistjonijiet magħrufa fis-sistema tar-riċerka u l-edukazzjoni għolja, bħall-frammentazzjoni, il-finanzjament baxx u l-għarfien limitat u t-trasferiment tat-teknoloġija, għad iridu jiġu indirizzati. Fl-istess ħin, il-Bulgarija hija l-ekonomija l-aktar intensiva fl-użu tar-riżorsi u tal-enerġija u fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni, bi ħtiġijiet importanti ta' investment fl-oqsma tal-enerġija u d-dekarbonizzazzjoni biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika, kif deskritt fil-Pjan Nazzjonali tal-Bulgarija dwar l-Enerġija u l-Klima.
- (26) L-isforzi ta' trasformazzjoni biex tiġi indirizzata l-intensità għolja fl-użu tal-enerġija tal-Bulgarija, id-dipendenza sinifikanti tagħha fuq il-fjuwils fossili, u l-użu ineffiċjenti tagħha tal-enerġija u r-riżorsi huma fi stadju inizjali ħafna. Il-Pjan Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima jenfasizza l-impenn tal-Bulgarija biex tiddekarbonizza l-ekonomija tagħha sal-2050 fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, iżda jiddikjara wkoll l-intenzjoni li tinżamm id-dipendenza tal-Bulgarija fuq is-sorsi domestiċi tal-linjite għall-2050 u lil hinn. Il-kopertura u l-kwalità tal-infrastruttura tat-trasport fil-Bulgarija għadha taħt il-medja tal-Unjoni u n-Network tat-Trasport Trans-Ewropew għadu ma tlestiex. In-network tal-pjattaformi multimodali, xi sezzjonijiet ferrovjarji u tat-toroq, u s-sistemi Ewropej tal-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju u s-sistemi tat-trasport intelliġenti għadhom sottożviluppati. Huwa meħtieġ li jiġu indirizzati kwistjonijiet ambjentali sinifikanti, billi dawn jaffettwaw it-tkabbir sostenibbli u ħolqu riskji addizzjonali għas-saħħa

matul il-kriżi tal-COVID-19. Il-Bulgarija hija fost l-Istati Membri bl-akbar inċidenza ta' mwiet relatati mat-tniġġis, u l-ġestjoni tal-iskart u l-konformità mal-obbligi tal-ġbir u t-trattament tal-ilma urban mormi għadhom ta' sfida. L-ipprogrammar tal-Fond għal Transizzjoni Ġusta, li huwa s-suġġett ta' proposta tal-Kummissjoni, għall-perjodu 2021-2027 jista' jgħin lill-Bulgarija tindirizza xi wħud mill-isfidi li toffri t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, kif deskritt fl-Anness D tar-rapport dwar il-pajjiż għall-2020. Dan jippermetti lill-Bulgarija tagħmel l-aħjar użu minn dan il-Fond.

- (27) Il-fatt li jkun hemm qafas tal-insolvenza li jiffunzjona tajjeb se jkun importanti għall-irkupru tal-ekonomija reali wara l-kriżi tal-COVID-19, li tista' twassal għal żieda sinifikanti fil-fallimenti. Dan il-qafas jiffaċilita wkoll riżoluzzjoni aktar rapida tal-NPLs, u b'hekk jillimita l-akkumulazzjoni ulterjuri tiegħu. Fl-istess ħin, l-ineffikaċja tal-qafas tal-insolvenza tirriżulta fi proċedimenti ta' insolvenza li jdumu u jiswew ħafna flus. F'Ġunju 2019, ġie adottat il-pjan direzzjonali tal-qafas tal-insolvenza, u dan identifika lakuni rilevanti. Il-Bulgarija bdiet l-implimentazzjoni tiegħu u qed tħejji passi ta' segwitu, inkluż bidliet leġiżlattivi u attivitajiet ta' bini tal-kapaċità.
- (28) Il-Bulgarija adottat diversi liġijiet fl-2019 li kellhom l-għan li jittrasponu d-Direttivi (UE) 2015/849 ⁽⁷⁾ u (UE) 2018/843 ⁽⁸⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Raba' u l-Ħames Direttivi kontra l-Ħasil tal-Flus) li l-implimentazzjoni tagħhom għadha pendenti. Il-Valutazzjoni Nazzjonali tar-Riskju li tlestiet dan l-aħħar turi dgħufijiet li jeħtieġu mitigazzjoni urġenti biex ikun hemm prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu. Ir-riskji marbuta maċ-ċittadinanza minn programmi ta' skemi ta' investment u għal assi virtwali għadhom ma ġewx ivvalutati kif suppost. Jeħtieġ li jittfasslu u jiġu implimentati azzjonijiet biex ikun hemm applikazzjoni effettiva tal-qafas ta' kontra l-ħasil tal-flus minn entitajiet marbutin b'obbligu. L-effettività tal-implimentazzjoni u l-infurzar tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus kienu limitati u l-użu ta' intelligence finanzjarja ma kienx biżżejjed.
- (29) Filwaqt li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi stabbiliti f'din ir-Rakkomandazzjoni ("ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2020") jiffukaw fuq l-indirizzar tal-impatti soċjoekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19 u fuq l-iffaċilitar tal-irkupru ekonomiku, ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2019 ukoll koprew riformi li huma essenzjali biex jiġu trattati l-isfidi strutturali fuq perjodu ta' żmien medju sa dak twil. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2019 jibqgħu pertinenti u se jkomplu jiġu monitorjati matul is-Semestru Ewropew tas-sena d-dieħla. Dan jinkludi r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2019 fir-rigward tal-politiki ekonomiċi relatati mal-investment. Jenħtieġ li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2019 kollha jitqiesu għall-ipprogrammar strateġiku tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2020, inkluż għal miżuri ta' mitigazzjoni u l-istrateġiji ta' ħruġ fir-rigward tal-kriżi kurrenti.
- (30) Il-banek Bulgari huma kumplessivament profittabbli u kkapitalizzati tajjeb. Minkejja xi tnaqqis f'dawn l-aħħar snin, il-proporzjon ta' NPLs gross u tal-avvanzi għadu ta' 7,2 % fit-tielet kwart tal-2019, li hu fost l-ogħla fl-Unjoni, b'mod partikolari minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji u għal banek ta' sjieda domestika, fejn sforzi ulterjuri biex jiġi promoss suq ta' NPLs sekondarju li jiffunzjona jibqgħu importanti. Il-proviżjonament tal-NPLs ilu jonqos sa mill-aħħar parti tal-2018, u xi kultant ikun akkumpanjat minn nuqqas ta' proviżjonament tal-NPLs eżistenti li ilhom ħafna li skadew. Il-valutazzjoni komprensiva mwettqa mill-Bank Ċentrali Ewropew żvelat il-ħtieġa li jiżdied il-kapital f'żewġ banek. Ir-rikapitalizzazzjoni qed tiġi ffinalizzata. Iż-żieda fil-forniment tal-likwidità mill-banek għall-mitigazzjoni tal-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 u t-tnedija mill-ġdid tat-tkabbir ekonomiku jenħtieġ li tkun abbinata mal-applikazzjoni mill-banek ta' valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu u standards ta' kreditu prudenti, Prattiki ta' valutazzjoni sodi u rappurtar akkurat ta' kwalunkwe deterjorament fil-kwalità tal-assi.
- (31) Il-Kummissjoni qed timmonitorja l-progress tal-Bulgarija fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u l-ġlied kontra l-korruzzjoni fil-kuntest tal-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika (CVM). Għaldaqstant, s'issa dawn iż-żoni ma ġewx koperti mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għall-Bulgarija, iżda huma rilevanti għall-iżvilupp ta' ambjent soċjoekonomiku pożittiv fil-pajjiż. L-aħħar rapport tas-CVM ta' Ottubru 2019 innota li l-progress li sar mill-Bulgarija huwa biżżejjed biex jissodisfa l-impenji tal-Bulgarija li saru fiż-żmien tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni. Il-Bulgarija wettqet riforma estensiva tal-qafas legali tagħha kontra l-korruzzjoni, madankollu, hemm bżonn rekord solidu ta' kundanni finali f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli biex tinbena l-fiduċja pubblika. Barra minn hekk,

⁽⁷⁾ Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

⁽⁸⁾ Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 43).

għad hemm għadd ta' sfidi, b'mod partikolari l-iżgurar ta' investigazzjonijiet kriminali effettivi, l-ibbilanċjar mill-ġdid tax-xogħol bejn il-qrati, u s-simplifikazzjoni tal-uffiċċji lokali tas-servizzi tal-prosekuzzjoni. Wara t-tmiem tas-CVM, il-monitoraġġ tar-riformi se jiġi żgurat fil-livell nazzjonali minn kunsill ta' wara s-sorveljanza u fil-livell tal-Unjoni fil-qafas tal-mekkaniżmu komprensiv tal-istat tad-dritt kif ukoll, fejn xieraq, is-Semestru Ewropew.

- (32) Is-Semestru Ewropew jipprovdi l-qafas għal koordinazzjoni kontinwa tal-politika ekonomika u tal-impjegi fl-Unjoni, li jista' jkun ta' kontribut għal ekonomija sostenibbli. Fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 tagħhom, l-Istati Membri evalwaw il-progress li sar fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti (SDGs). Billi tkun qed tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2020, il-Bulgarija se tikkontribwixxi għall-progress lejn l-SDGs u għall-isforz komuni biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà kompetittiva fl-Unjoni.
- (33) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2020, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Bulgarija u ppubblikatha fir-rapport dwar il-pajjiż tal-2020. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2020, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Bulgarija fi snin preċedenti. Il-Kummissjoni ħadet kont mhux biss tar-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fil-Bulgarija, iżda wkoll tal-konformità tagħhom mar-regoli u l-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li l-governanza ekonomika ġenerali tal-Unjoni tissaħħaħ billi jingħata input, fuq livell tal-Unjoni, f'deċizzjonijiet nazzjonali futuri.
- (34) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2020 u l-opinjoni tiegħu (*) hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Bulgarija tieħu azzjoni fl-2020 u fl-2021 biex:

1. Tieħu l-miżuri kollha meħtieġa, f'konformità mal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, biex tindirizza b'mod effettiv il-pandemija tal-COVID-19, issostni l-ekonomija u tappoġġa l-irkupru sussegwenti. Meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jippermettu, issegwi politiki fiskali mmirati biex tikseb pożizzjonijiet fiskali prudenti fi żmien medju u tiżgura s-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li ttejjeb l-investiment. Timmobilizza riżorsi finanzjarji adegwati biex issaħħaħ ir-reżiljenza, l-aċċessibbiltà u l-kapaċità tas-sistema tas-saħħa, u tiżgura distribuzzjoni regionalni bbilanċjata ta' ħaddiema tas-saħħa, li taqbel mal-ħtiġijiet tal-popolazzjoni.
2. Tiżgura protezzjoni soċjali adegwata u servizzi essenzjali għal kulħadd u ssaħħaħ il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Ittejjeb l-aċċess għax-xogħol mill-bogħod u tippromwovi l-ħiliet diġitali u l-aċċess ugwali għall-edukazzjoni. Tindirizza n-nuqqasijiet fl-adeqwatezza tal-iskema tal-introjtu minimu.
3. Tissimplifika u taċċellera l-proċeduri biex ttiprovdi appoġġ effettiv għall-SMEs u għal dawk li jaħdmu għal rashom, filwaqt li tiżgura wkoll li dawn ikomplu jkollhom aċċess għall-finanzjament u għal arranġamenti ta' ħlas flessibbli. Tiffinanzja b'mod sostanzjali fil-bidu tagħhom proġetti maturi ta' investiment pubbliku u tippromwovi l-investiment privat biex jiġi stimulat l-irkupru ekonomiku. Tiffoka l-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu ndaf u effiċjenti tal-enerġija u r-riżorsi, l-infrastruttura ambjentali u t-trasport sostenibbli, u b'hekk tikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni progressiva tal-ekonomija, inkluż fir-reġjuni tal-faħam.
4. Timminimizza l-piż amministrattiv għall-kumpaniji billi ttejjeb l-effettività tal-amministrazzjoni pubblika u ssaħħaħ il-gvern diġitali. Tiżgura funzjonament effettiv tal-qafas tal-insolvenza. Iżżid l-isforzi biex tiżgura valutazzjoni tar-riskju adegwata, mitigazzjoni, supervizzjoni effettiva u infurzar tal-qafas ta' kontra l-ħasil tal-flus.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Lulju 2020.

Għall-Kunsill

Il-President

J. KLOECKNER

(*) Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.